

31969L0335

L 249/25

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

3.10.1969

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
tas-17 ta' Lulju 1969
li tikkonċerna taxxi indiretti fuq il-ġbir tal-kapital

(69/335/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 99 u 100 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali ⁽²⁾;

Billi l-oġġettiv tat-Trattat hu li joħloq unjoni ekonomika li l-karatteristiċi tagħha huma simili għal dawk ta' suq domestiku u billi wieħed mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex jinkiseb dan hija l-promozzjoni tal-moviment ħieles tal-kapital;

Billi t-taxxi ndiretti fuq il-ġbir tal-kapital, fis-seħħ fl-Istati Membri fil-present, jiġifieri d-dazju li għandu jitħallas fuq il-kontribuzzjoni tal-kapital lil kumpanniji u ditti u l-ħlas tal-bolla fuq titoli, jagħtu lok għal diskriminazzjoni, taxxa doppja u d-diversitajiet li jfixklu l-moviment ħieles tal-kapital u li, konsegwentement, għandhom jiġu eliminati b'armonizzazzjoni;

Billi l-armonizzazzjoni ta' dawn it-taxxi fuq il-ġbir tal-kapitala għandha tiġi irranġata b'tali mod li timinimizza riperkussjonijiet għall-budget għall-Istati Membri;

Billi l-imposizzjoni ta' ħlas ta' bolla minn Stat Membru fuq titoli minn Stat Membru ieħor introdotti jew maħruġa fit-territorju tiegħu, tmur kontra il-kunċett ta' suq komuni li l-karatteristiċi tiegħu ikunu dawk ta' suq domestiku; billi, f'addizzjoni, huwa evidenti illi ż-żamma tal-bolla fuq il-ħruġ ta' titoli fir-rigward ta' self intern u fuq l-introduzzjoni jew il-ħruġ fis-suq ta' Stat Membru ta' titoli barranin hija kemm ekonomikament indesiderabbli kif ukoll inkonsistenti ma' l-iżviluppi kurrenti fil-liġijiet fiskali ta' l-Istati Membri f'dan il-qasam;

Billi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa rakkomandat li jiġi abolit il-ħlas tal-bolla fuq titoli, mingħajr ma jingħata każ ta' l-oriġini ta' dawn it-titoli, u mingħajr ma jingħata każ ta' jekk ta' jekk jirrapreżantawx il-kapital proprju tal-kumpannija jew il-kapital tagħha fuq is-self;

Billi huwa inerenti fil-kunċett ta' suq komuni li l-karatteristiċi tiegħu huma dawk ta' suq domestiku li d-dazju fuq il-ġbir ta' kapital fis-suq komuni minn kumpanija jew ditta għandu jiġi mit-lub darba biss u li l-livell ta' dan id-dazju għandu jkun l-istess fl-Istati Membri kollha sabiex ma jinterferix mal-moviment tal-kapital;

Billi, għalhekk, dan id-dazju għandu jiġi armonizzat, kemm fir-rigward ta' l-istrutturi tiegħu u kemm fir-rati tiegħu;

⁽¹⁾ ĠU C 119, tat-3.7.1965, p. 2057/65.

⁽²⁾ ĠU C 134, tat-23.7.1965, p. 2227/65.

Billi ż-żamma ta' taxxi ndiretti oħrajn bl-istess karatteristiċi bħad-dazju kapitali jew il-ħlas tal-bolla fuq titoli jistgħu jiffustraw

l-iskop tal-miżuri previsti f'din id-Direttiva u dawk it-taxxi għandhom għalhekk jiġu aboliti;

limitée, società a responsabilità limitata, société à responsabilité limitée;

ADDOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Istati Membri għandhom jimponu ħlas fuq il-kontribuzzjonijiet ta' kapital lil kumpannija ta' kapital taxxa armonizzata skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2 sa 9 u hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "dazju kapitali".

Artikolu 2

1. L-Operazzjonijiet soġġetti għal dazju kapitali għandhom biss ikunu taxxabli fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu iċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kull kumpanija kapitali ikun jinsab fiż-żmien meta dawn l-operazzjonijiet iseħħu.

2. Meta iċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kumpanija kapitali jinsab lokalizzat f'pajjiż terz u l-uffiċċju rreġistrat tiegħu fi Stat Membru, operazzjonijiet soġġetti għal dazju kapitali għandhom ikunu taxxabli fl-Istat Membru fejn l-uffiċċju rreġistrat huwa lokalizzat.

3. Meta l-uffiċċju rreġistrat u iċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kumpanija kapitali jinstabu f'pajjiż terz, il-fornitura ta' kapital fiss jew ta' ħidma għal fergħa lokalizzata fi Stat Membru tista' tiġi ntaxxata fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu tinstab il-fergħa.

Artikolu 3

1. Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva l-espressjoni "kumpanija kapitali" tfisser:

(a) kumpannija taħt il-liġijiet tal-Belġju, tal-Ġermanja, ta' Franza, ta' l-Italja, tal-Lussemburgu u ta' l-Olanda (*) magħrufa rispettivament bħala:

- société anonyme naamloze vennootschap, Aktiengesellschaft, société anonyme, società per azioni, société anonyme, naamloze vennootschap;
- société en commandite par actions commanditaire vennootschap op aandelen, Kommanditgesellschaft auf Aktien, société en commandite par actions, società in accomandita per azioni, société en commandite par actions, commanditaire vennootschap op aandelen;
- société de personnes à responsabilité limitée personenvennootschap met beperkte aansprakelijkheid, Gesellschaft mit beschränkter Haftung, société à responsabilité

(*) Ix-xogħol ta' l-adattament tekniku irriżulta f' li dan li ġej jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni lill-Kunsill fl-Artikolu 3(1)(a) - issosittiwixxi b'virgola l-kelma "u"

(b) kull kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li l-ishma tal-kapital jew l-assi tagħha jistgħu jiġu ttrattati f'borża;

(c) kull kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li taħdem għal profitt, li l-membri tagħha għandhom id-dritt li jiddisponu mill-ishma tagħhom lil partijiet terzi mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel u huma responsabbli biss għad-djun tal-kumpanija, d-ditta jew il-persuna ġuridika sal-limitu ta' l-ishma tagħhom.

2. Għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva, kull kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika oħra li topera għal profitt għandha titiqes kumpanija kapitali. Madanakollu, Stat Membru għandu jkollu d-dritt li ma jikkunsidrahx b'dan il-mod għall-iskop ta' l-impożizzjoni ta' dazju kapitali.

Artikolu 4

1. L-operazzjonijiet li ġejjin għandhom ikunu soġġetti għad-dazju kapitali:

- (a) il-formazzjoni ta' kumpanija kapitali;
- (b) il-kambju f'kumpanija kapitali ta' kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li mhijiex kumpanija kapitali;
- (c) żieda fil-kapital ta' kumpanija kapitali bil-kontribuzzjoni ta' assi ta' kull tip;
- (d) żieda fl-assi ta' kumpanija kapitali bil-kontribuzzjoni ta' assi ta' kull tip, in konsiderazzjoni, mhux ta' l-ishma fil-kapital jew l-assi tal-kumpanija, imma tad-drittijiet ta' l-istess tip bħala dawk tal-membri, bhalmha huma drittijiet tal-vot, sehem fil-profitti jew sehem f'dak li jibqa' wara l-likwidazzjoni;
- (e) it-trasferiment minn pajjiż terz għal Stat Membru taċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika, li l-uffiċċju rreġistrat tagħha huwa f'pajjiż terz u li hu kkunsidrat f'dak l-Istat Membru, għall-iskopijiet ta' l-impożizzjoni tad-dazju kapitali, bħala kumpanija kapitali;
- (e) it-trasferiment minn pajjiż terz għal Stat Membru ta' l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika, li iċ-ċentru effettiv ta' l-amministrazzjoni tagħha huwa f'pajjiż terz u li hu kkunsidrat f'dak l-Istat Membru, għall-iskopijiet ta' l-impożizzjoni ta' dazju kapitali, bħala kumpanija kapitali;
- (g) it-trasferiment minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor taċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kumpanija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li hi kkunsidrata fl-Istat Membru ta' l-aħħar, għall-iskopijiet ta' l-impożizzjoni ta' dazju kapitali, bħala kumpanija kapitali, imma li mhix ikkunsidrata hekk fl-Istat Membru l-ieħor;

(h) it-trasferiment minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor ta' l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li ċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni tagħhom huwa f'pajjiż terz u li hu kkunsidrat fl-Istat Membru ta' l-aħħar, għall-iskopijiet li jiġi mposta dazju kapitali, bħala kumpannija kapitali, imma li mhix hekk ikkunsidrata fl-Istat Membru l-ieħor;

2. L-operazzjonijiet li ġejjin jistgħu jkunu soġġetti għad-dazju kapitali:

(a) żieda fil-kapital ta' kumpannija kapitali permezz tal-kapitalizzazzjoni tal-profitti jew ta' riservi permanenti jew temporanji;

(b) żieda fl-assi ta' kumpannija kapitali permezz tal-provvista ta' servizzi minn membru li ma tinvolviex żieda fil-kapital tal-kumpannija, imma li tirriżulta f'varjazzjoni fid-drittijiet fil-kumpannija jew li tista' żżid il-valur ta' l-ishma tal-kumpannija;

(c) self ikkuntrattat minn kumpannija kapitali, jekk il-kreditur huwa ntitolat għal sehem mill-profitti tal-kumpannija;

(d) self ikkuntrattat minn kumpannija kapitali ma' membru jew konġunt jew wild ta' membru, jew self ikkuntrattat ma' pajjiż terz, jekk ikun garantit minn membru, fuq il-kondizzjoni li dan is-self ikollu l-istess funzjoni bħal żieda fil-kapital tal-kumpannija.

3. Formazzjoni, fis-sens tal-paragrafu 1 (a), m'għandha tinkludi ebda alterazzjoni ta' l-istrumentjew ir-regolamenti kostitwenti ta' kumpannija kapitali, u b'mod partikolari:

(a) il-konverżjoni ta' kumpannija kapitali f'tip differenti ta' kumpannija kapitali;

(b) it-trasferiment minn Stat Membru għal Stat Membru ieħor ta' ċ-ċentru effettiv ta' amminitrazzjoni jew ta' l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li hi kkunsidrata fiż-żewġ Stati Membri, għall-iskopijiet li jiġi mpost dazju kapitali, bħala kumpannija kapitali;

(c) bidla fl-oġġettivi ta' kumpannija kapitali;

(d) l-estenzjoni tal-perjodu ta' eżistenza ta' kumpannija kapitali.

Artikolu 5

1. Id-dazju għandu jiġi mpost:

(a) fil-każ ta' formazzjoni ta' kumpannija kapitali jew ta' żieda fil-kapital jew l-assi tagħha, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(a), (c) u (d): fuq il-valur attwali ta' l-assi ta' kull tip ikkontribwiti jew li

għandhom jiġu kkontribwiti mill-membri, wara t-tnaqqis tar-responsabbiltajiet assunti u ta' l-ispejjeż magħmula mill-kumpannija bħala riżultat ta' kull kontribuzzjoni. L-Istati Membri jistgħu jippostponu l-imposta ta' dazju kapitali sakemm il-kontribuzzjonijiet ikunu ġew effettwati;

(b) fil-każ tal-konverżjoni f' kumpannija kapitali jew it-trasferiment ta' ċ-ċentru effettiv ta' amminitrazzjoni jew ta' l-uffiċċju rreġistrat ta' kumpannija kapitali, kif imsemmi fl-Artikolu 4(1)(b), (e), (f), (g) u (h); dwar il-valur attwali ta' l-assi ta' kull tip li jappartjenu għall-kumpannija fil-ħin tal-konverżjoni jew tat-trasferiment, wara t-tnaqqis tar-responsabbiltajiet u l-ispejjeż li għalihom l-kumpanija hija responsabbli f'dak iż-żmien;

(c) fil-każ ta' żieda fil-kapital permezz ta' kapitalizzazzjoni tar-riservi tal-profitti, jew dispożizzjonijiet, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(a): fuq l-ammont nominali ta' din iż-żieda;

(d) fil-każ ta' żieda fl-assi, kif imsemmi fl-Artikolu 4(2)(b): fuq il-valur attwali tas-servizzi pprovduti, wara tnaqqis tar-responsabbiltajiet assunti u l-ispejjeż tal-kumpannija bħala riżultat tal-provvista ta' dawn is-servizzi;

(e) fil-każ ta' self imsemmi fl-Artikolu 4(2)(c) u (d): fuq l-ammont nominali tas-self kuntrattat.

2. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1 (a), (b) u (c), l-ammont li fuqu hu mpost id-dazju m'għandux, madanakollu, jkun inqas mill-valur attwali ta' l-ishma fil-kumpannija mogħtija jew li jappartjenu għal kull membru jew l-ammont nominali ta' dawn l-ishma jekk ta' l-aħħar jaqbeż il-valur attwali tagħhom.

3. L-ammont li fuqu hu mpost id-dazju fil-każ ta' żieda fil-kapital m'għandux jinkludi:

— l-ammont ta' assi li jappartjenu għall-kumpannija kapitali li huma allokatu għaż-żieda fil-kapital u li diġà kienu suġġetti għad-dazju kapitali;

— l-ammont ta' self ikkuntrattat mill-kumpannija kapitali li hu konvertit fiżma fil-kumpannija u li diġà ġew suġġetti għad-dazju kapitali;

Artikolu 6

1. Kull Stat Membru jista' jeskludi mill-bażi ta' stima, kif stabbilit skond l-Artikolu 5, l-ammont tal-kapital kontribwit minn membru b'responsabbiltà illimitata għall-obbligi ta' kumpannija kapitali kif ukoll is-sehem ta' dan il-membru fl-assi tal-kumpannija.

2. Meta Stat Membru jeserċita s-setgħa prevista fil-paragrafu 1, dan li ġej għandu jkun suġġett għad-dazju kapitali:

- it-trasferiment taċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni ta' kumpannija kapitali lil Stat Membru ieħor li ma jesercitax din is-setgħa;
- it-trasferiment ta' l-uffiċċju reġistrat ta' kumpannija kapitali li ċ-ċentru effettiv ta' amministrazzjoni tagħha jinsab f'pajjiż terz għal Stat Membru ieħor li ma jesercitax din is-setgħa;
- kull operazzjoni li bħala riżultat tagħha ir-responsabbiltà ta' membru tiġi limitata għas-sehem tiegħu fil-kapital tal-kumpannija, b'mod partikolari meta l-limitazzjoni tar-responsabbiltà tirriżulta mill-konverżjoni ta' kumpannija kapitali f'tip differenti ta' kumpannija kapitali.

Id-dazju kapitali għandu jiġi mpost fil-każijiet kollha bħal dawn fuq il-valur tas-sehem fl-assi tal-kumpannija li jappartjeni għal membri b'responsabbiltà illimitata għall-obbligi tal-kumpannija.

Artikolu 7

1. Sad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet li għandhom jiġu addottati mill-Kunsill skond il-paragrafu 2:

- (a) ir-rata ta' dazjukapitali m'għandhiex jaqbeż it-2 % jew ikun inqas minn 1 %;
- (b) din ir-rata għandha tiġi mnaqqsa b' 50 % jew aktar meta kumpannija kapitali waħda jew aktar jittrasferixxu l-assi u r-responsabbiltajiet kollha, jew parti waħda jew iktar tan-negozju tagħhom lil kumpannija kapitali waħda jew iktar li huma fil-proċess li jiġu fformati jew li diġà jeżistu.

Dan it-tnaqqis għandu jkun suġġett għall-kundizzjoni li:

- il-konsiderazzjoni għall-kontribuzzjonijiet għandha tikkonsisti esklussivament mill-allokazzjoni ta' ishma fil-kumpannija jew kumpanniji, għalkemm Stati Membri għandu jkollhom id-dritt li jestendu l-applikazzjoni tat-tnaqqis għal każijiet li fihom il-konsiderazzjoni għall-kontribuzzjonijiet tikkonsisti fl-allokazzjoni ta' ishma fil-kumpannija jew kumpanniji flimkien ma' pagament fi flus li ma jeċċediex l-10 % tal-valur nominali ta' l-ishma;
- il-kumpanniji li jieħdu parti fl-operazzjoni jkollhom iċ-ċentru effettiv tagħhom ta' amministrazzjoni jew l-uffiċċju reġistrat tagħhom fit-territorju ta' Stat Membru;

- (ċ) ir-rata ta' dazju kapitali tista' titnaqqas sa 0.5 % sa 'l-1 ta' Jan-
nar 1973 u sa 1 % minn dik id-data fil-każ ta' formazzjoni ta',
jew żieda, fil-kapital ta' kumpanniji ta' assi monetarji jew ta'
investment li l-objettiv uniku tagħhom hu l-pussess ta' ishma
f' intrapriżi oħrajn u l-amministrazzjoni u l-bidla f'rendikonti
ta' qliegħ ta' dawn l-ishma, suġġett għall-kundizzjoni li dawn
il-kumpanniji ma jaħdmux fl-industrija jew fil-kummerċ
għall-kont proprju tagħhom u ma joperawx stabbiliment
kummerċjali miftuħ għall-pubbliku.

2. Sabiex il-Kunsill ikun jista' jstabilixxi r-rati komuni għad-dazju kapitali qabel l-aħħar tal-perjodu transitorju, il-Kummissjoni għandha tissottometti proposta lill-Kunsill dwar dan is-suġġett qabel l-1 ta' Janjar 1971.

3. Fil-każ ta' żieda fil-kapital ta' kumpannija skond l-Artikolu 4(1)(ċ), wara tnaqqis fil-kapital tal-kumpannija bħala riżultat tat-telfiet sostenuti, ir-rata tista' tiġi mnaqqsa għal dik il-parti taż-żieda li tikkorrispondi mat-tnaqqis fil-kapital, jekk din iż-żieda sseħħ fi żmien erba' snin mit-tnaqqis fil-kapital.

4. Meta Stati Membri jeserċita s-setgħa prevista fl-Artikolu 4(2), id-dazju fuq il-kapital jista' jiġi mpost b' rata mnaqqsa.

Artikolu 8

Stat Membru jista' parzjalment jew totalment jeżenta mid-dazju kapitali l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) li jirrelataw għal:

- kumpanniji kapitali li jfornu servizzi pubbliċi, bħal impriżi ta' trasport pubbliku, awtoritajiet tal-port jew impriżi li jfornu l-ilma, l-gass jew l-elettriku, f' każijiet meta l-Istat jew l-awtoritajiet reġjonali jew lokali jippossjedu ta' l-anqas nofs il-kapital tal-kumpannija;
- kumpanniji kapitali li, skond ir-regolamenti tagħhom u fil-fatt, iwettqu esklussivament u direttament objettivi kulturali, karitatevoli, ta' *relief* jew edukazzjonali.

Artikolu 9

Ċerti tipi ta' operazzjonijiet jew ta' kumpanniji kapitali jistgħu jkunu s-suġġett ta' eżenzjonijiet, tnaqqis jew żiediet fir-rati sabiex tiġi miksuba imparzjalità fl-intaxxar, jew għal konsiderazzjonijiet soċjali, jew sabiex Stat Membru jkun jista' jitttratta sitwazzjonijiet speċjali. L-Istat Membri li jipproponi li jieħu din il-miżura għandu jirreferi l-każ lill-Kummissjoni fi żmien xieraq, in konsiderazzjoni ta' l-applikazzjoni ta' l-Artikolu 102 tat-Trattat.

Artikolu 10

Barra d-dazju kapitali, l-Istati Membri m'għandhom jimponu ebda ntaxxar affattu, fir-rigward ta' kumpanniji, ditti, assoċjazzjonijiet jew persuni ġuridiċi li jaħdmu għal profit:

- (a) fir-rigward ta' l-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4;
- (b) fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet, self jew il-provvista ta' servizzi, li jsiru bħala parti mill-operazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 4;
- (c) fir-rigward ta' reġistrazzjoni jew kull formalità oħra meħtieġa qabel il-bidu ta' negozju li għalih kumpanija, ditta, assoċjazzjoni, jew persuna ġuridika li taħdem għall-profit tista' tkun soġġetta għar-raġuni tal-forma ġuridika tagħha.

Artikolu 11

L-Istati Membri m'għandhom ikunu soġġetti għal ebda forma ta' tassazzjoni:

- (a) il-ħolqien, il-ħruġ, l-ammissjoni għall-kwotazzjoni fil-borża, li jagħmlu disponibbli fis-suq jew li jittrattaw fi *stocks*, ishma jew sigurtajiet oħrajn ta' l-istess tip, jew taċ-ċertifikati li jirrapreżentaw dawn is-sigurtajiet, maħruġa minn min ikun;
- (b) self, inklużi *bonds* tal-gvern, miġbura bil-ħruġ ta' *debentures* jew titoli negozzjabbli oħrajn, maħruġa minn min ikun, jew xi formalitajiet li jirrelataw għalihom, jew il-ħolqien, il-ħruġ, l-ammissjoni għal kwotazzjoni fil-borża, li jsiru disponibbli fis-suq jew l-ittrattar f'dawn id-*debentures* jew titoli negozzjabbli oħrajn.

Artikolu 12

1. Minkejja l-Artikoli 10 u 11, l-Istati Membri Mejju jistgħu jimponu:

- (a) dazji fuq it-trasferiment ta' titoli, kemm jekk imposti b'rata uniformi u kemm jekk le;
- (b) dazji ta' trasferiment, inklużi taxxi fuq ir-reġistrazzjoni ta' l-art, fuq it-trasferiment, lil kumpannija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li taħdem għal profit, ta' negozji jew proprjetà immobbli lokalizzata fit-territorju tagħhom;

(c) dazji ta' trasferiment fuq assi ta' kull tip trasferiti lil kumpannija, dita, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li topera għal profit, sa fejn din il-proprjetà hijatrasferita għal konsiderazzjoni ta' xort'oħra minn ismha fil-kumpannija;

(d) dazji fuq il-ħolqien, ir-reġistrazzjoni jew il-ħlas ta' ipoteki jew piżijiet oħrajn fuq l-art jew proprjetà oħra;

(e) dazji mħallsa permezz ta' piżijiet jew drittijiet;

(f) it-taxxa fuq il-valur miżjud.

2. Id-dazji u t-taxxi msemmija fil-paragrafu 1 (b), (c), (d) u (e) għandhom ikunu l-istess, kemm jekk iċ-ċentru effettiv ta' l-amministrazzjoni jew l-uffiċċju reġistrat tal-kumpannija, ditta, assoċjazzjoni jew persuna ġuridika li topera għal profit huwa lokalizzat fit-territorju ta' l-Istat Membru li jimponi d-dazji jew it-taxxi u kemm jekk le; lanqas ma jistgħu dawn id-dazji u t-taxxi jeċċedu dawk li huma applikabbli għal operazzjonijiet bħalhom fl-Istat Membru li jimponihom.

Artikolu 13

L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ sa l-1 ta' Jannar 1972 dawn id-dispożizzjonijiet permezz ta' liġi, regolament, jew azzjoni amministrattiva kif jistgħu ikunu neċessarji sabiex jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva u għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni bihom.

Artikolu 14

L-Istati Membri għandhom jassiguraw li t-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi interna li sussegwentement jaddottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva huma mgħoddija lill-Kummissjoni.

Artikolu 15

Din id-Direttiva hija ndirrizata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, fis-17 ta' Lulju 1969.

Għall-Kunsill

Il-President

H. J. WITTEVEEN